# IL-ĦALLIEL FUQ IS-SALIB

**SALVAT MINGĦAJR IL-ILMA?**

Minn
George Ebejer

# IL-ĦALLIEL FUQ IS-SALIB
# SALVAT MINGĦAJR ILMA?

Kien hemm u għad hemm mhux ftit li jirreferu għall-ħalliel fuq is-salib bħala każ pożittiv ta' salvazzjoni mingħajr magħmudija ta' l-ilma. Huma jgħidu: "Ma mietx il-ħalliel fuq is-salib mingħajr magħmudija u ma kienx hu salvat? Huma, mela, dawk kollha bħalu kkundannati li jmutu mingħajr il-magħmudija ta' l-ilma?" Din il-mistoqsija tgħid problema li teżisti fl-imħuħ ta' ħafna nies illum.

Dan l-istudju għandu neċessarjament ikun maqsum f'żewġ partijiet. L-ewwel, aħna sejrin niddiskutu l-każi ta' maħfra tad-dnubiet minn Ġesù matul il-ministeru personali Tiegħu waqt li Hu kien fuq l-art **QABEL** ma miet fuq is-Salib, u mbagħad ninnutaw il-każi ta' maħfra tad-dnubiet **WARA** l-mewt Tiegħu fuq is-Salib. Jekk tosserva bil-għaqal, inti ssib għaliex din il-lezzjoni għandna navviċinawha f'dawn iż-żewġ diviżjonijiet.

## I. KIF KRISTU ĦAFER ID-DNUBIET MATUL IL-MINISTERU PERSONALI TIEGĦU

L-ewwel, aħna ninnutaw il-waqtiet waqt li Kristu kien qiegħed igħix fuq l-art li fihom Hu ħafer id-dnubiet ta' irġiel u nisa.

1. L-ewwel każ naqraw dwaru fil-Vanġelu ta' Mark, kapitlu tnejn, li jittratta dwar **ir-raġel mifluġ** li kien imniżżel minn toqba fis-saqaf minn xi ħbieb tiegħu. Dawn il-ħbieb tar-raġel marid semgħu li Ġesù kien qiegħed f'dik id-dar, imma ma setgħux jidħlu minħabba l-folla li kien hemm mal-bieb; għalhekk, min-ħabba l-fidi tagħhom fil-qawwa li tfejjaq ta' Ġesù, huma fetħu

s-saqaf fejn kien qiegħed Ġesù u niżżlu s-sodda li fuqha kien hemm ir-raġel mifluġ.. "*Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: 'Ibni, dnubietek maħfura'*" (v. 5). Ġesù ta prova lil l-iskribi xettiċi li Hu kellu s-setgħa fuq l-art li jaħfer id-dnubiet meta qal lill-mifluġ: "*Qum, qiegħed ingħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek.' Dak qam, qabad malajr friexu, u ħareġ 'il barra quddiem kulħadd…*" (versi 11, 12) Il-punt li rridu nenfasizzaw huwa lit-terminu tal-fejqan u l-maħfra kienu l-fidi fuq **il-parti tal-ħbieb** tar-raġel li dnubietu kienu maħfura. Il-fidi tidher BISS meta din taħdem, u hekk Ġesù ra l-fidi tal-ħbieb tal-mifluġ. Għalhekk, aħna għandna l-ewwel każ ta' maħfra tad-dnubiet mill-Mulej tagħna waqt li kien fuq l-art.

2. It-tieni każ jinsab fil-Vanġelu ta' Luqa 7:36-50. Dan igħid dwar **mara fid-dar ta' Xmun** li xarrbet riġlejn Ġesù bi dmugħha, u xxotathomlu b'xuxitha, u bieset riġlejh, u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. Il-Fariżew li stiednu nnota li din il-mara kienet midinba, u qal bejnu u bejn ruħu, "*Dan, li kien profeta, kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu; kien ikun jaf li hi midinba*" (v. 39). Wara, Ġesù qal, "*…dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna*" (v. 47). Il-mara qatt ma qalet lil Ġesù, "Jiena nħobbok, Ġesù!" Ġesù kien jaf l-imħabba tagħha permezz tas-servizz devot tagħha mingħajr ebda għarfien verbali, u meta ra mħabbitha Lejh, Hu qal li hi kienet salvata bil-fidi tagħha (v. 50). Mela, f'dan it-tieni każ ta' maħfra, il-mara midinba kienet maħfura permezz **ta' mħabbitha u l-fidi**.

3. It-tielet każ ta' salvazzjoni li tkun mogħtija minn

Ġesù waqt li għex fuq l-art jinsab f'Luqa 19:1-10. Dak li kiseb is-salvazzjoni kien Lhudi għani jismu **Żakkew**, raġel qasir li kien ixxabbat ma' siġra selvaġġa biex ikun jista' jara lil Ġesù hekk kif Hu kien għaddej minn hemm. Ġesù, kif ra lir-raġel qsajjar qallu biex jinżel, għax, qallu Ġesù, "*illum jeħtieġli noqgħod f'darek*." Dan ir-raġel kien midneb (v. 7), madankollu, Ġesù mar f'daru u qal dan il-kliem: "*Illum f'din id-dar daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham*" (v. 9). Ġesù ħafer id-dnubiet ta' Żakkew għaliex Żakkew kien bin Abraham; din kienet l-unika raġuni mogħtija li dnubietu kien maħfura! **Hu kien bin Abraham**.

4. Fi Ġwanni kapitlu 8, aħna nsibu mniżżla l-konverżazzjoni bejn Ġesù u l-mara adultera. Din il-mara kienet maqbuda fid-dnub tagħha u miġjuba għand Ġesù minn xi wħud mill-iskribi u l-Fariżej, li staqsew x'kellu xi jgħid dwarha Ġesù. Huma kienu jafu li kull persuna li kienet tikkommetti dnub bħal dan taħt il-liġi ta' Mosè tat-Testment il-Qadim kellha tiġi mħaġġra. Ġesù ta l-permess lil wieħed minn dawk li għamlu l-akkuża (jekk hu nnifsu kien mingħajr dnub) biex jitfgħalha l-ewwel ġebla. Huma, iżda, telqgħu kollha wieħed, wieħed, iħallu lill-mara adultera weħidha ma' Ġesù. Aħna ma nafux jekk din il-mara midinba qattx kienet semgħet dwar Ġesù, jew kelliex fidi jew le, iżda, madankollu, Ġesù għażel li ma jikkundannahiex għad-dnub tagħha. Hu sempliċiment qal, "*Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed*" (v11b).

5. Issa niġu għal Luqa 23:32-43, fejn naqraw dwar **il-ħalliel fuq is-salib**. Dan huwa l-aħħar każ fejn Ġesù jagħti s-salvazzjoni qabel il-mewt Tiegħu fuq is-salib.

Wieħed mill-ħallelin ipprova jwaqqa' għaċ-ċajt lil Ġesù, imma l-ieħor talab biex Ġesù jiftakar fih meta Hu jiġi fis-saltna Tiegħu (v. 42). Il-ħsieb ta' dan ir-raġel dwar is-saltna bla dubju ma kienx eżatt, billi probabbilment hu kien qiegħed jaħseb dwar saltna tad-dinja, kif saħansitra ħasbu l-aktar dixxipli qrib tal-Mulej (ara Mattew 20: 20; Atti 1:6). Mela, għalkemm ir-raġel probabbilment kien qiegħed jitlob għall-post f'saltna tad-dinja li fiha ħaseb li Kristu jkun sultan, Ġesù taħ saħansitra aktar milli talab għal jew saħansitra aktar milli mmaġina. Aħna pperswaduti li Ġesù wiegħdu s-salvazzjoni meta qallu, "*Illum inti tkun fil-Ġenna miegħi*" (v. 43). (Nota: il-Ġenna hawn mhix is-smewwiet fejn hemm Ġesù imma l-post ta' stennija.) **Kien dan ir-raġel mgħammed?** Aħna ma nafux, u dan ma jeffettwa s-salvazzjoni tiegħu bl-ebda mod—iżda ċ-ċansijiet huma li hu **kien** mgħammed! Dan aħna nikkonkluduh meta naqraw Mattew 3:5, 6 u Mark 1:4, 5, fejn jintqal li Ġerusalem u l-Lhudija kollha, u l-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan ġew biex jisimgħu lil Ġwanni jippriedka, u kienu mgħa-mmdin minnu fix-Xmara Ġordan. Dan it-terminu "*kollha*" ma jfissirx kull individwu singlu, għax il-versi ta' wara jgħidu li kien hemm ħafna mill-Fariżej u s-Sadduċej, settarji reliġjużi ta' dak iż-żmien, li ġew għall-magħmudija imma li kienu rrifjutati għaliex huma ma nidmux. Mela**, ma jistax ikun ippruvat li l-ħalliel kien jew ma kienx mgħammed**, u m'għandu x'jaqsam xejn jekk kienx jew ma kienx mgħammed sakemm is-salvazzjoni tiegħu jew tagħna hija kkonċernata. Jekk Ġesù, waqt li kien fuq l-art, ried li jaħfirlu dnubietu mingħajr ma jkun jeħtieġ il-magħ-

mudija, Hu kien jista' jagħmel dan. **Ġesù kellu s-setgħa kollha fuq l-art li jaħfer id-dnubiet f'kull mod li Hu jgħażel li jagħmel dan, u fuq kull kondizzjoni, jew fuq ebda kondizzjoni!** Fil-każi li qrajna mill-Bibbja fejn Ġesù ħafer id-dnubiet qabel ma Hu miet fuq is-salib, aħna naraw dawn ir-raġunijiet għall-maħfra: (1) Fidi tal-ħbieb ta' dak li dnubietu kienu maħfura. (2) Imħabba kbira. (3) Iben ta' Abraham. (4) Assolutament ebda ħtieġa. (5) Sempliċiment talba biex ma jkunx minsi. Ara l-istampa fil-paġni tan-nofs.

Tista' inti tmur għall-Bibbja, u turi l-każ tal-ħalliel fuq is-salib bħala każ ta' salvazzjoni mingħajr magħmudija, u tikkonkludi li inti tista' tkun salv mingħajr magħmudija wkoll, għaliex il-ħalliel hekk kien? Jekk inti tista', allura l-persuna l-oħra tista' turi l-każ tar-raġel mifluġ, u tgħid, "Il-ħbieb tiegħi għandhom il-fidi, għalhekk Ġesù jaħfirli dnubieti minħabba l-fidi tagħhom!" U persuna oħra tista' tiġi u tgħid li persuna ma teħtieġx il-magħmudija jew li tkun mgħammda, u lanqas saħansitra ma teħtieġ li jkollha l-fidi; nistgħu nissopponu li din tkun adultera, u ngħidu, "Ġesù ħafer adultera meta Hu għex fuq l-art, u Hu jagħmel dan illum wkoll jekk jiena ma nemminx u ma nkux mgħammed." U wkoll persuna oħra tista' tiġi u tgħid, "Jiena Lhudi, u għalhekk inkun salv mingħajr fidi u magħmudija." Iżda aħna lkoll nafu illi li tkun Lhudi bit-twelid ma huwa ebda mertu llum kif kien darba, għax Kristu għamel lill-bnedmin kollha egwali u kisser il-linja li taqsam bejn il-Lhud u l-Ġentili meta miet fuq is-salib (Kolossin 2:14). Qabel is-salib, il-Lhud kienu l-poplu magħżul ta' Alla, imma llum kemm il-Lhud kif ukoll il-Ġentili huma

aċċettabbli jekk huma jibżgħu minn Alla u jobduh (Atti 10:35).

## IT-TESTMENT ISSIĠILLAT

Il-fatt hu li aħna ma nistgħux immorru għal xi wieħed minn dawn il-każi ta' maħfra, u ngħidu li nistgħu nkunu salvati bl-istess mod illum, għaliex meta Ġesù għex fuq l-art, Hu kien jista' jaħfer id-dnubiet b'kull mod li Hu ried jew li kien jagħżel, imma meta miet fuq is-salib, Hu ssiġilla t-testment Tiegħu u dawk biss li joqgħodu għat-termini ta' l-aħħar patt u testment Tiegħu jistgħu jistennew li jirċievu l-benefiċċji li jinsabu fih. Meta Kristu miet, Hu ssiġilla l-patt jew it-testment Tiegħu (Lhud 9:16, 17), u ħadd ma jista' jibdel it-testment Tiegħu (Rivelazzjoni 22:18, 19). Meta Kristu miet, Hu ħalla rigal kbir, il-ħajja eterna, għal dawk kollha li joqgħodu għat-termini ta' dak it-testment jew patt, it-Testment il-Ġdid Tiegħu.

Li llum tagħmel appell għall-ħalliel fuq is-salib għas-salvazzjoni huwa bħal persuna tavviċina mħallef wara l-mewt ta' raġel għani, fejn titlob bil-jedd parti mill-wirt fuq il-bażi li r-raġel għani kien spiss jagħtiha affarijiet qabel ma miet. L-imħallef ma jimpurtaħx għal kemm, u kemm-il darba l-mejjet għen lil dik il-persuna matul ħajtu, għaliex l-unika ħaġa li għandha x'taqsam issa hija t-testment! It-testment biss jiddetermina min għandu jibbenefika, u dawk li jibbenefikaw għandhom jaqblu mal-ħtiġijiet tat-testment jekk dawn għandhom jirċievu l-wirt.

Fil-każi kollha ta' maħfra li ġraw qabel il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, it-termini tal-maħfra kienu **differenti**.

Aħna rajna, li Ġesù seta' jaħfer id-dnubiet fuq il-kondizzjonijiet differenti dak iż-żmien. Iva, Ġesù ħafer persuna waħda għallinqas mingħajr ma kienet teħtieġ la l-fidi, la l-indiema, la l-istqarrija, jew il-magħmudija. Kien il-privileġġ Tiegħu qabel mewtu li jaħfer id-dnubiet f'kull mod li Hu kien jagħżel, iżda aħna se nosservaw li kull persuna li kkonvertiet wara l-mewt ta' Kristu kienet ikkonvertita billi obdiet l-istess kmandi fit-Testment il-Ġdid.

Aħna għandna nkunu salvi billi noqgħodu għat-termini ta' l-aħħar patt u testment ta' Ġesù, li beda japplika fil-mewt Tiegħu (Lhud 9:16 17). "*Għax fejn hemm testment, jaħtieġ ukoll tidħol il-mewt ta' min ja-għmel it-testment. Għax testment igħodd wara li l-bned-min imutu: inkella m'għandux saħħa kemm idum ħaj min għamel it-testment.*" Aħna lkoll nafu kemm hu ser-ju li nbabsu u nippruvaw nibdlu t-testment ta' xi persu-na li tkun mietet, f'attentat biex niksbu porzjon mill-wirt. Din hija r-raġuni li l-appostli kitbu fuq li kitbu li ebda bniedem m'għandu jnaqqas minn jew iżid ma' jew jibdel b'xi mod l-aħħar patt jew testment tal-Mulej ta-għna, Kristu Ġesù. Dan it-testment kien irreġistrat minn xhieda kif huma kienu ggwidati bl-ispirazzjoni, u d-dokument kif tlesta għal kollox kien irriferut bħala "t-tagħlim ta' Kristu," "l-Evanġelju ta' Kristu," jew semp-liċiment "it-Testment il-Ġdid."

## TWISSIJIET KONTRA LI TIBDEL IT-TESTMENT TA' KRISTU

"*Min imur aktar 'il quddiem, u ma jib-qax fit-tagħlim ta' Kristu, m'għandux*

*’l Alla. Min jibqa’ fit-tagħlim ta’ Kristu, dan għandu ’l Missier u l-Iben*” (2 Ġwanni 9).

“*Iżda, kemm jekk aħna, jew anġlu missema, ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li xandarnielkom aħna, ħa jkun misħut*” (Galatin 1:8).

“*Għax jien nixhed lil kull bniedem li jisma’ l-kliem tal-profezija ta’ dalktieb: Jekk xi ħadd iżid ma’ dawn ilħwejjeġ, iżidlu Alla l-kastigi li huma miktubin f’dal-ktieb: U jekk xi ħadd ineħħi mill-kliem tal-ktieb tal-ħajja, u mill-belt qaddisa, u mill-ħwejjeġ li huma miktubin f’dal-ktieb, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-ħajja u mill-belt il-qaddisa msemmijin f’dan il-ktieb*” (Rivelazzjoni 22:18, 19).

Kemm hu kriminal li tbabas dan it-testment li kien issiġillat permezz tad-demm prezzjuż ta’ Ġesù.

## “X’IGĦID IL-PATT JEW IT-TESTMENT”

Bla dubju int issa qed tistaqsi, “X’ighid it-testment jew il-patt? Nagħmel jien wieħed mir-reċipjenti talbarkiet tiegħu?” Fil-qosor, inti qed tistaqsi l-mistoqsija taż-żminijiet, *“X’għandi nagħmel biex insalva?*” u issa int tirrealizza li l-uniku post li għalih nistgħu mmorru għal tweġiba huwa l-aħħar patt jew testment ta’ Ġesù Kristu, it-Testatur jew il-Benefattur.

# IT-TERMINI TAL-PATT—SALVAZZJONI GĦAL-LUM

Isma' lil Ġesù, meta Hu tkellem wara l-mewt u l-qawmien Tiegħu, u mmedjatament qabel it-tlugħ Tiegħu lura fis-smew-wiet; Hu qiegħed jagħti t-termini tal-patt jew testment lix-xhieda Tiegħu: "*Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lill-ġnus kolha. **Min jemmen u jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Martk 16:15, 16). Il-Mulej tagħna, hawn, ta **żewġ** termini, żewġ kondizzjonijiet tas-salvazzjoni u terminu **wieħed** ta' kundanna. Ġesù qal li sabiex issalva skond ir-rieda Tiegħu, kull persuna minn wara s-salib għandha (1) temmen **u** (2) titgħammed. Hu żied li jekk inti trid li tkun ikkundannat, kull ma għandek tagħmel hu li ma temminx. Il-mistoqsija hawn hija din: Skond Kristu, **min** isalva? It-tweġiba jagħtiha Ġesù nnifsu: "*Min jemmen **u** jitgħammed.*" Skond il-bnedmin min isalva? It-tweġiba jagħtuhielna huma: "Min jemmen, isalva." Imma aħna naċċettaw it-tweġiba tal-Mulej u mhux dik tal-bniedem! (Atti 4:19; 5:29). Kristu ma jħares lejn wiċċ ħadd, għal-Lhudi u l-Ġentili l-istess, għar-raġel u għall-mara l-istess, għas-sinjur u għall-fqir l-istess, Hu ta l-istess ħtiġijiet.

Ittrattaw ix-xhieda (l-appostli) bl-inkarigu mogħti lil-hom minn Ġesù Kristu b'mod fidil? Ħalli nduru sewwa-sew għal l-ewwel priedka tax-xhieda (l-appostli) tat-testment u naraw jekk huma kinux qegħdin jippriedkaw skond il-kmand ta' Kristu. Dan il-kmand biex imorru jippriedkaw l-Evanġelju fid-dinja kollha huwa ġeneral-ment imsejjaħ "il-Kummissjoni l-Kbira," u jinsab mik-tub f'Mattew 28:18-20; f'Mark 16:15-18; f'Luqa 24:46-

49; u fi Ġwanni 20:22-23. L-appostli kollha bħala xhieda tat-testment ta' Kristu kienu taħt il-gwida ta' l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk il-messaġġi tagħhom huma kollha f'armonija waħda.

## 3,000 SALVI SKOND IT-TESTMENT
## Atti 2

L-ewwel priedka wara l-mewt ta' Kristu li għandna rreġistrata hija mill-appostlu Pietru u li tinsab f'Atti kapitlu tnejn. Pietru kien qiegħed ikellem lill-folla ta' Lhud midinba li kellhom parti fil-kurċifissjoni ta' Ġesù Kristu. Ippriedka Pietru t-termini korretti tal-maħfra? Pietru ppriedka lil l-udjenza kbira dwar il-ħajja, il-mewt, il-qawmien, u t-tlugħ fis-sema ta' Kristu, u kkonkluda l-priedka tiegħu b'dan il-kliem:

> "*Mela ħa tkun taf fiż-żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, għamlu Mulej u Messija. Issa meta semgħu dan, tniggżu f'qalbhom, u qalu 'l Pietru u lill-bqija ta' l-appostli: Irġiel u aħwa, x'għandna nagħmlu? Imbagħad Pietru qalilhom:* ***indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu***" (Atti 2:36-38).

Għalkemm il-fidi mhix imsemmija esspressament, huwa ċar li huma emmnu minħabba l-mistoqsija tagħhom, it-tweġiba ta' Pietru, u l-ubbidjenza tagħhom.

Pietru qalilhom biex jagħmlu żewġ affarijiet: "**Indmu u tgħammdu**." Kieku Pietru ma qal xejn aktar, huma kienu jkunu jafu li ż-żewġ kmadi huma essenzjali. Imma d-dmir tagħhom kien saħansitra magħmul aktar ċar mill-Ispirtu s-Santu meta Hu qal permezz ta' Pietru illi **r-raġuni** għal azzjoni bħal din kienet "**għall-maħfra tad-dnubiet**." Il-kmand biex *jindmu* u l-kmand biex *jitgħammdu* kienu għal l-istess skop--biex jirċievu l-maħfra ta' dnubiethom. In-nies fehmu li t-tnejn kienu meħtieġa, għax naqraw f'vers 41:

> "*Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tie-għu bil-ferħa* ***kienu mgħammdin****: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar titt elef ruħ.*"

Ebda persuna ma rċeviet lil Kristu jew it-tagħlim Tie-għu mingħajr ma kienet mgħammda; ebda persuna ma aċċettat lil Kristu bħala s-Salvatur personali tagħha ħlief permezz ta' ubbidjenza fil-magħmudija. Inti tista' tara biċ-ċar minn din l-okkażjoni li kien meħtieġ wisq aktar minn fidi weħidha biex taċċetta lil Kristu. Le, il-magħ-mudija fit-Testment il-Ġdid ma kinetx sempliċiment "sinjal ta' barra ta' grazzja ta' ġewwa"; lanqas ma kie-net biex tidħol f'xi denominazzjoni. Ejja nemmnu dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, u nirriġet-taw it-tagħlim kollu tal-bnedmin! L-indiema u l-magħ-mudija t-tnejn huma għall-maħfra tad-dnubiet, u t-tnejn jiġu **qabel** is-salvazzjoni.

Meta niriferu għal l-istampa fin-nofs, ikun osservat li f'kull każ ta' konverżjoni, il-magħmudija hija msem-mija biċ-ċar u din dejjem saret fl-istess jum jew siegħa

li persuna emmnet. Kienet l-aħħar pass fi Kristu, u għamlet persuna membru tal-ġisem ta' Kristu, il-knisja Tiegħu (Kolossin 1:18; Atti 2:47). Kull darba li l-magħmudija u s-salvazzjoni (jew l-ekwivalenti tagħha) huma msemmija fl-istess kuntest, il-magħmudija **dejjem** tiġi qabel is-salvazzjoni—u l-magħmudija dejjem tiġi qabel il-ferħ. Ebda trabi qatt ma kienu mgħammda billi huma ma kinux kapaċi li jemmnu u li temmen kien prerekwiżit tal-magħmudija (Mark 16:16).

## KONKLUŻJONI

Aħna konxji għal kollox dwar il-fatt li ħafna nies joġġezzjonaw għat-tagħlim tal-Bibbja li l-magħmudija hija għall-maħfra tad-dnubiet. Imma aħna nemmnu li kull persuna li tassew trid li taqbel ma' l-aħħar testment ta' Kristu, f'tama li tirċievi l-premju ta' dejjem, ma tilgħab ma' l-ebda ħtieġa ta' Kristu. Kull xorta ta' tagħlim falz kien imfassal f'attentat biex iċajpar il-verità li l-magħmudija hija għall-maħfra tad-dnubiet—u appell għal ħalliel fuq is-salib mhuwiex ħlief wieħed mill-ħafna attentati fiergħa tal-bniedem. Iżda Kristu, il-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet poġġiha fit-Testment il-Ġdid Tiegħu bħala kondizzjoni tas-salvazzjoni, u jiena ma nistax nibdilha u lanqas ebda bniedem ieħor!

Suppost li raġel għani miet, iħalli l-fortuna tiegħu lil xi persuna li twettaq tliet ħtiġijiet sempliċi. Ejja ngħidu li l-ewwel tnejn kienu għall-moħħna raġunevoli mhux ħażin, iżda t-tielet kienet assurda ħafna u pekulari—aħna nissopponu li t-tielet ħtieġa kienet li toqgħod rasek l-isfel u tgħid l-alfabet bil-kontra għal tliet darbiet. Jiena ċert li eluf ta' nies jippruvaw jagħmlu dan għalkemm

ebda wieħed minnhom ma jkun jista' jagħti xi spjega raġjunevoli, barra mill-fatt li dan kien meħtieġ fit-testment ta' dak ir-raġel għani. Huma jridu l-flus, u għalhekk qegħdin jagħmlu mingħajr ebda mistoqsa dak kollu biex jaqblu mat-termini tat-testment. Huma jafu li ma jikkwalifikawx qabel ma jagħmlu sewwasew dak lit-testment jitlob!

Fis-sinċerità kollha, ħalli nissuġġerixxi li dan hu ftit sens komun li għandu jkun applikat rigward ir-rieda ta' Kristu. Jekk in-nies jistgħu jifhmu **għaliex** huma għandhom jemmnu, huma jaqblu jew jimxu skond il-kmand; jekk jistgħu jifhmu **għaliex** għandhom jindmu, huma hekk jagħmlu; u jekk huma jifhmu r-raġuni li għandhom jistqarru lil Kristu, huma wkoll dan jagħmluh. Iżda terminu ieħor tal-patt ta' Kristu li huwa l-istess definit daqs kull wieħed minn dawn li semmejna fuq huwa li persuna għandha toqgħod għall-magħmudija ta' l-ilma għall-maħfra tad-dnubiet, li għal din kull xorta ta' skuża kienet imfassla! U għaliex? Għaliex **in-nies ma jistgħux jaraw għaliex** Kristu poġġiha bħala waħda mill-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni. Il-bniedem m'għandux jistaqsi: "**Għaliex**, Mulej għamilt hekk? Imma pjuttost,

"**X'teħtieġ** Int minni, Mulej?"

1. Li temmen (Mark 16:15-16; Lhud 11:6).
2. Li tindem (Atti 2:38; 17:30).
3. Li tistqarr lil Kristu (Rumani 10:9-10).
4. Li tkun mgħammed għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38; 22:16; eċċ.).

**Wara** l-magħmudija, inti:

1. Tkun Salvat/a (Mark 16:16).

2. Tkun "fi Kristu" (Rumani 6:3-4; Galatin 3:27).
3. Tkun persuna ħielsa mid-dnub (Rumani 6:17).
4. Ikollok dnubietek "maħsula" (Atti 22:16).
5. Ikollok dnubietek "maħfura" (Atti 2:38).
6. Tirċievi d-don ta' l-Ispirtu s-Santu (Atti 2:38).
7. Tkun miżjud/a fil-knisja ta' Kristu mill-Mulej Innifsu (Atti 2:47) li hija l-ġisem Tiegħu (1 Korintin 12:13; Kolossin 1:18).

Xi nies joġġezzjonaw għat-tagħlim li l-magħmudija hija parti essenzjali tal-pjan ta' Alla għalina billi jgħidu, kif diġa rajna, "Xi ngħidu dwar il-ħalliel fuq is-salib? Hu kien salvat, u hu ma kienx mgħammed." Kemm jekk il-ħalliel kien mgħammed bil-magħmudija ta' Ġw-anni jew le, ħadd ma jista' jippruvah dan. Iżda l-ħalliel *ma għex taħt il-liġi ta' Kristu* għaliex it-testment ta' Kristu **ma kienx fl-effett sa wara l-mewt Tiegħu** (Lhud 9:16-17).

Il-ħalliel ma kienx jista' *jkun "mgħammed fil-mewt ta' Kristu*" (Rumani 6:3) għaliex Kristu kien għadu ma mietx. Taqbel int ma' dan? Il-ħalliel ma kienx jista' *jkun "midfun ma' Kristu fil-magħmudija*" (Kolossin 2:12) għaliex Kristu kien għadu ma kienx midfun. Taqbel int ma' dan? Il-ħalliel ma kienx jista' "*iqum ma' Kristu u jimxi f'ħajja ġdida*" (Rumani 6:4) għaliex ma kienx għadu mqajjem. Taqbel int ma' dan? Il-ħalliel ma kienx jista' jobdi l-Kummissjoni l-Kbira (Mattew 28: 18-20; Mark 16:15-16) għaliex din għad ma kinetx mogħtija. Taqbel int ma' Dan? Il-ħalliel ma kienx jista' jkun "*miżjud fil-knisja*" (Atti 2:47) għaliex il-knisja kienet għadha mhix imwaqqfa. Taqbel int ma' dan?

Imma dlonk wara, fil-jum ta' Pentekoste, dawk li kienu għenu biex joqtlu lill-Messija emmnu, nidmu, u kienu mgħammdin għall-maħfra ta' dnubiethom, u huma kienu miżjuda fil-knisja mill-Mulej (Atti 2:27, 38, 41, 47). Flimkien mal-fidi u ndiema, Alla poġġha l-ilma bejn id-dnub u s-salvazzjoni. Dan hu għaliex l-appostlu Pietru jgħid li,

> "*...ftit, jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa ta' l-ilma, fil-jiem ta' Noè. U l-magħmudija, li hi xbieha ta' dan, issalvana issa wkoll*" (1 Pietru 3:20-22).

Nistaqsi jien, "Minn xhiex issalvana, jekk skond ittwemmin ta' xi wħud aħna nkunu salvi **qabel** ma nitgħammdu?"

Permezz tal-grazzja ta' Alla, permezz tad-demm ta' Kristu, permezz ta' ubbidjenza għar-rieda ta' Alla, għaliex il-fidi fi Kristu u f'Alla li qajmu mill-imwiet, l-ilma issa jsalvana—ukoll il-magħmudija. Ċertament li l-magħmudija hija xbieha. Hija xbieha tal-mewt, difna, u qawmien ta' Kristu. Il-mistoqsija hija, X'jagħmel l-ilma li hu tassew xbieha jew xebħ? U l-appostlu Pietru jagħtina t-tweġiba billi jgħid: "*Dan isalva.*" (1 Pietru 3:2) Temmen int dan? Alla poġġha l-ilma bejn id-dnub u s-salvazzjoni.

Xi ħadd jista' jistaqsi: "Trid tfisser int li Alla jħalli persuna li tintilef sempliċiment għaliex hija tirrifjuta li tobdi dan il-kmandament? Ġesù qal, fi Ġwanni 3:5,

> "*Tassew, tassew, ngħidlek: Jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u mill-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla*"

Oqgħod attent/a għal dawk li jippruvaw li jagħmlu "l-ilma" jfisser xi ħaġa oħra u mhux ilma. Oqgħod attent/a għal dawk li, f'isem il-fidi, jnaqqsu l-kmandament ta' Kristu għall-**magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet**. Oqgħod attent/a għal dawk li jitkellmu ħafna dwar il-grazzja u li b'hekk inaqsu l-importanza tal-liġijiet ta' Alla.

Il-magħmudija hija importanti, mhux minħabba r-rieda tal-bnedmin, imma minħabba l-qawwa u l-awtorità ta' Kristu. Hu għamilha parti mill-Evanġelju Tiegħu. Alla poġġha l-ilma bejn il-ħajja u l-mewt. Il-Bibbja Mqaddsa tgħid,

> "*Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Il-Kristjani tat-Testment il-Ġdid huma ordnati llum kif huma kienu fl-ewwel seklu,

> "*U issa x'inti tistenna? Qum, u tgħammed, u nħasel minn dnubietek, billi ssejjaħ isem il-Mulej*" (Atti 22:16).

# IL-ĦALLIEL FUQ IS-SALIB
# QABEL IS-SALIB

**Il-Magħmudija QATT ma kienet meħtieġa meta Ġesu ħafer**

**<u>ĦAFER</u> ID-DNUBIET WAQT LI KIEN JGĦIX**

Mark 2…Fidi ta' ħabib
Luqa 7…Ħabbet ħafna: Fidi
Luqa 19…Bin Abraham
Ġwanni 8…Xejn
Luqa 23…Talba

Il-Patt
Mhux fis-Setgħa

**<u>JAĦFER</u> ID-DNUBIET ILLUM**

L-Aħħar Patt jew Testment
Issa fis-Setgħa

Lhud 9:16-17
Rivelazzjoni 22:18-19

| | Twemmin | Indiema | Stqarrija | Magħmudija |
|---|---|---|---|---|
| Atti 2 | | I | | M |
| Atti 8 | T | | | M |
| Atti 8 | T | | | M |
| Atti 8 | T | | S | M |
| Atti 10 | | | | M |
| Atti 16 | | | | M |
| Atti 16 | T | I | | M |
| Atti 18 | T | | | M |
| Atti 19 | | | | M |
| Atti 9,16,22 | | | S | M |
| Rum 1,6,10 | T | I | S | M |

# WARA S-SALIB

Il-Magħmudija **DEJJEM** meħtieġa meta Ġesù jaħfer